DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 190980** **08.05.2019**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***L-istudenti ta' Giovanni Curmi Higher Secondary School fil-Parlament***

L-Ispeaker Anġlu Farrugia mexxa l-laqgħa tal-istudenti ta' Giovanni Curmi Higher Secondary School fil-Parlament.

Matul din il-laqgħa, l-istudenti ddiskutew diversi suġġetti ta' interess ġenerali, fosthom il-legalizazzjoni tal-kannabis f'Malta, l-użu tal-*close-circuit television*, ix-xogħlijiet ta' restawr ta' siti storiċi, il-graffiti, ir-riklamazzjoni tal-art u l-użu tal-inċeneratur sabiex jinħaraq l-iskart.

Fid-diskors tiegħu l-Ispeaker fakkar li din il-laqgħa qed issir ftit jiem biss qabel iż-żgħażagħ ta' sittax-il sena u aktar ser ikunu qed jivvutaw għall-ewwel darba fl-elezzjonijiet f'Malta sabiex jintagħżlu l-membri għall-Parlament Ewropew u l-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali. L-Ispeaker qal li hu jqis dan l-iżvilupp bħala espressjoni ta' fiduċja fiż-żgħażagħ tagħna u għarfien fihom li għandhom il-kapaċità intelletwali sabiex jagħtu l-kontribut tagħhom għall-ġid komuni tas-soċjetà u ta' pajjiżna.

L-Ispeaker kompla billi fakkar ukoll kif fi ftit jiem oħra, pajjiżna ser ikun qed ifakkar iċ-ċentinarju mill-irvellijiet tas-Sette Giugno (1919 – 2019). "Aħna nqisu dawn il-ġrajjiet storiċi bħala l-pass 'il quddiem fil-kisba tad-demokrazija parlamentari f'pajjiżna, anke jekk il-Kostituzzjoni tal-1921, li permezz tagħha Malta ngħatat Gvern responsabbli, ma tistax titqies bħala forma ideali ta' demokrazija rappreżentattiva. Huwa qal li mhux kull ċittadin kien intitolat sabiex jipparteċipa fl-elezzjoni, iżda l-eletturi kienu limitati għal dawk l-individwi meqjusa kolti u intelliġenti, professjonisti, sidien tal-artijiet, negozjanti, f'kelma waħda magħżula mill-awtoritajiet ta' dak iż-żmien. Din hi ferm differenti minn sistema fejn kull ċittadin, irġiel u nisa, mingħajr distinzjoni huma ntitolati għal vot bi dritt li jeżerċitaw dan id-dritt f'elezzjonijiet ħielsa u demokratika fejn ikunu eletti r-rappreżentanti tal-poplu sabiex jieħdu dawk id-deċiżjonijiet importanti, inkluż jipproponu u jkunu approvati l-liġijiet li jirregolaw l-imġiba tal-individwi u diversi setturi tal-ħajja tal-poplu Malti u Għawdxi, qal l-Ispeaker Farrugia.

F'dan il-kuntest, iż-żgħażagħ iridu jifhmu l-importanza tar-responsabilità li qed ikunu fdati biha – id-dritt tal-vot fl-elezzjonijiet u referenda, vot li għandu jissarraf f'għażliet importanti għas-soċjetà u l-ġejjieni tal-ġens tagħna. Huwa wkoll mezz sabiex iż-żgħażagħ tagħna jinteressaw ruħhom f'dak li jiġri madwarna, f'dak li jolqot l-għixien tagħna bħala poplu Malti u popli oħra kemm Ewropej fi ħdan l-Unjoni Ewropea, il-ġirien tagħna fil-Baħar tal-Mediterran u popli oħra ġeografikament imbegħda, iżda fil-qrib tagħna, grazzi għal mezzi teknoloġiċi, kkonkluda l-Ispeaker Anġlu Farrugia.

Il-laqgħa ġiet indirizzata wkoll mill-Membri Parlamentari Rosianne Cutajar u David Agius, u s-Segretarju Parlamentari għal Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva Anthony Agius Decelis.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**